MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 15/2008

**Fortunata Formosa**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta' Novembru, 2008 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"L-Arbitru

Deher I Cilia ghad-Direttur.

Meta ssejjah l-appell, l-appellanti ma dehritx. Deher biss ir-rapprezentant tad-Dipartiment.

Pospost

Meta rega' ssejjah l-appell, l-appellanti baqghet ma dehritx.

Ir-rapprezentant tad-Dipartiment spjega li d-decizjoni ttiehdet wara li d-Dipartiment gie nfurmat mill-Banek li l-kapital f'isem l-appellant kien jeccedi b'aktar minn Lm 2,000; il-massimu konsentit.

Fid-dawl ta' din l-informazzjoni u fl-assenza ripetuta ta' l-appellant, l-Arbitru huwa tal-fehma li d-decizjoni ta' l-20 ta' Ottubru 2007 kienet iggustifikata u dan l-appell ghandu jigi michud.**"**

L-appell tar-rikorrenti Fortunata Formosa hu koncepit minn dawn iz-zewg aggravji, u cjoe li:-

(1) Ma nghatatx mill-Arbitru l-opportunita` li tressaq is-sottomissjonijiet taghha;

(2) L-Arbitru ghamel apprezzament hazin tal-provi u tal-ligi;

Fuq l-ewwel motiv ta' aggravju jibda biex jigi registrat illi din il-Qorti kif presjeduta minn dejjem kienet geluza li tassikura li l-principju tas-smigh xieraq ikun sew u kif jixraq ittutelat, u li l-partijiet fil-kawza jkun almenu ggarantit lilhom li jressqu l-provi taghhom u li jesponu d-deduzzjonijiet jew kontro-deduzzjonijiet taghhom. Dan, s'intendi, salv dejjem li jkunu mharsa d-disposizzjonijiet tal-Kodici ritwali u l-aktar dawk tat-termini assenjati mill-gudikant ghall-produzzjoni tal-provi u tas-sottomissjonijiet. Fejn il-kaz kien hekk jimmerita, verifikata l-irregolarita`, din il-Qorti lanqas ma qaghdet lura milli tannulla s-sentenza;

Naturalment, kif hekk konkordat mill-gurisprudenza, biex tirnexxi f'dak l-assunt taghha l-appellanti htiegilha positivament turi li hi tassew giet privata mill-opportunita` li tavvanza s-sottomissjonijiet taghha ghax, in difett, jissubentra l-applikazzjoni tal-principju *qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire*. Ara "**Joseph**

**Debono** ***et*** **-vs- Dottoressa Irene Condachi**", Appell Civili, 27 ta' Gunju, 1955;

Meqjus taht dan il-profil l-ewwel motiv ta' aggravju mhux biss huwa fil-kaz hawn prospettat inattendibbli izda b'mod assolut ghal kollox fieragh. L-atti inekwivokabilment juru li l-appellanti giet koncessa aktar minn okkazjoni wahda l-possiblita` li tiddefendi l-gravam taghha fil-konfront tad-decizjoni tad-Direttur li waqqfilha l-Pensjoni ta' l-Eta`. L-inkartament tal-kaz manifestament jiddemostra illi l-*iter* segwit kien dan:-

(1) B'Avviz tas-16 ta' Gunju, 2008 (fol. 20) l-ufficcju ta' l-Arbitru informa lill-appellanti illi l-appell taghha kien appuntat ghat-30 ta' Lulju, 2008. F'din s-seduta l-appell gie differit ghaliex l-Avukat taghha ma setax jattendi;

(2) B'Avviz iehor ta' l-1 ta' Settembru, 2008 (fol. 9) l-appellanti giet avzata li l-appell ser ikompli jinstema' fl-24 ta' Settembru, 2008 fil-11:00 a.m. Din id-darba, skond ma hu registrat mill-verbal l-appellanti baqghet ma dehritx u l-appell taghha kellu jerga' jigi ghal darb'ohra ddifferit;

(3) Dejjem permezz ta' Avviz iehor datat 25 ta' Settembru, 2008 (fol. 8) l-appellanti giet informata illi l-appell ser jissokta jinstema fid-29 ta' Ottubru, 2008. Bhal fil-kaz tas-seduta ta' qabilha l-appellanti regghet ma attendietx;

(4) L-appell gie in segwitu deciz fil-5 ta' Novembru, 2008;

Biex issostni t-tieni aggravju li l-assi kapitali taghha ma kienux jeccedu l-limitu massimali stabbilit mit-Tieni Skeda ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali, l-appellanti tissottometti illi parti mill-fondi bankarji murija fl-i*statement* a fol. 17 esebit mill-appellat kienu derivanti minn self lilha maghmul minn terzi. Tissottometti wkoll illi dan gie hekk minnha spjegat f'Affidavit guramentat li kienet ipprezentat fl-atti;

Bhala fatt ghandu jigi rilevat illi la l-iskrittura tas-self li, incidentalment, l-appellanti ddikjarat li kienet qed tannetti ma' l-appell taghha (ara ittra tar-rapprezentanti legali taghha tal-31 ta' Ottubru, 2007, fol. 24) u lanqas l-Affidavit ma jinsabu esebiti fl-atti processwali. Meta dan huwa hekk il-kaz, qajla tista' tkun opportuna jew fondata l-asserzjoni ta' l-appellanti illi l-Arbitru ghamel valutazzjoni errata. Hi, dak il-gravam taghha ma pprovatux skond dik il-previzjoni tar-regola tradizzjonali li tghabbi fuq spallejha l-oneru li tissorreggi l-allegazzjoni ta' fatt minnha vantat. U la dan hu hekk, *imputet sibi*, ghax allura dik l-allegazzjoni taghha ma setghetx takkwista ebda rilevanza guridika effettiva la ma gietx konvincentement sostenuta;

Jikkonsegwi minn dan illi la l-appellanti ma ddefendietx kif jixraq il-kaz taghha l-Arbitru sewwa ddecieda u l-appell taghha, anke b'dan it-tieni aggravju, hu altament insostenibbli.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrispingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Kwantu ghall-ispejjez din il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz partikulari stante l-frivolita` ta' l-appell ghandha tiddipartixxi mir-regola konsweta taghha u takkolla l-ispejjez fuq l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------